MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 693/2013

**Ou Travelcom (11532467) socjeta` estera rapprezentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha Dottor Larry J. Gauci (K.I. Nru. 2582G)**

***kontra***

**M/V Blankenese (IMO. Nru. 8412390)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat imressaq bil-procedura sommarja specjali fis-17 ta` Lulju 2013 li jaqra hekk –

*1. Illi l-bastiment konvenut M/V Blankenese huwa bastiment merkantili rregistrat hawn Malta propjeta`*

*ta` Blankenese Shipping Limited (C38835) ta` 18/02, South Street, Valletta, kumpannija rregistrata hawn Malta.*

*2. Illi s-socjeta` rikorrenti hija rregistrata gewwa l-Estonja taht in-numru ufficjali (11532467). Hija topera fis-settur tal-bunker brokerage taht it-trading name "Bunker Partners".*

*3. Illi fil-21 ta` Dicembru 2012 irceviet bunker stem (ordni) minghand UMS SIA ta` Riga Latvja f`isem u ghan-nom ta` sid il-bastiment intimat sabiex tissupplixxi ammont ta` fuel oil u gas hekk kif jidher minn e-mail – kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "LIG1" – mibghuta lis-socjeta` rikorrenti, liema ordni giet accettata u ezegwita.;*

*4. Illi fit-23 ta` Dicembru 2012 is-socjeta` rikorrenti ikkonsenjat 90.175 MT ta` fuel oil ta` tip FO LS 30 u 5MT ta` gas oil lill-bastiment intimat fuq istruzzjonijiet ta` sid il-bastiment meta l-istess bastiment kien il-barra mill-port ta` Gothenburg hekk kif dokumentat fil-Bunker Delivery Receipt Nr. 7830905 – kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "LIG2" – iffirmatha mic-Chief Engineer tal-bastiment u timbrata bit-timbru tal-bastiment.*

*5. Illi dawn il-prodotti ta` fuel oil u gas oil mibjugha lill-bastiment intimat gew ikkonsenjati tramite physical bunker supplier nominat miss-socjeta` rikorrenti u cioe` O.W. Bunker & Trading A/S.*

*6. Illil-bastiment accetta l-prodotti suppliti u qatt ma kien hemm xi tentattiv da parti tal-bastiment jew is-sidien tieghu sabiex jirrifjutaw il-prodotti mibjugha mis-socjeta` rikorrenti u kkonsenjati tramite bunker supplier, O.W. Bunker & Trading A/S.*

*7. Illi fit-23 ta` Dicembru 2012 is-socjeta` rikorrenti produciet fattura Nr. 12-BP-166 – kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "LIG3" – fejn talbet il-hlas ta` erbgha u tmenin elf sitt mija u wiehed Dollari Amerikani u hamsa u tmenin centemu (US$ 84,601.85) rapprezentanti l-prezz tal-prodotti mibjugha lill-bastiment intimat.*

*8. Illi din il-fattura kellha payment terms ta` 30 days after delivery u ghalhekk suppost giet saldata sat-23 ta` Jannar 2013. Il-pagament ma sarx ghalhekk skattaw l-interessi fuq l-ammont dovut skot it-termini u konsidizzjonijiet tal-bejgh u cioe` "interest for late payment will be charged at 0.5 per cent per day or part thereof."*

*9. Illi sussegwentement mill-ammont ta` erbgha u tmenin elf sitt mija u wiehed Dollari Amerikani u hamsa u tmenin centemu (US$ 84,601.85) iss-socjeta` rikorrenti thallset is-somma ta` erbgha u sittin elf Dollari Amerikani (US$ 64,000) akkont tal-prezz wara diversi interpellazzjonijiet u notifiki ghall-hlas.*

*10. Illi l-ammont mhux imhallas sal-presentata ta` din il-kawza huwa dak ta` ghoxrin elf sitt mija u wiehed Dollari Amerikani u hamsa u tmenin centezmu (US$ 20,601.85) flimkien ma` ammont iehor ta` disgha u tletin elf disgha mmija u disgha u erbghin Dollari Amerikani u erbgha u erbghin centezmu (US$ 39,949.44) rapprezentanti l-interessi fuq l-ammonbt mhux imhallas skont fattura Nr. 12-BP-166-IN mahruga fis-27 ta` Gunju 2013 – kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "LIG4".*

*11. Illi ghalhekk l-ammont globali dovut lis-socjeta` rikorrenti huwa ta` sittin elf hames mija wiehed u hamsin Dollari Amerikani disgha u ghoxrin centezmu (US$ 60,551.29) ekwivalenti skont rata tal-kambju ghal sitta u erbghin elf mija u sebgha Ewro u tmenin Ewro centezmu*

*(€46,107.80) oltre imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u spejjez hekk kif jidher minn dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti – kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dok LIG5".*

*12. Illi ghal kull bon fini jigi rilevant li l-bunker tradet, Kinex Bunkering Ltd, thallsu mis-socjeta` rikorrenti ghall-fornituri ta` fuel oil u l-gas oil suppliti minnhom lill-bastiment intimat hekk kif jidher mid-Dok "LIG6".*

*13. Illi ai termini tal-artikolu 742D tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta kreditur ta` obbligazzjoni jista` jipprocedi b`azzjoni in rem kontra l-bastiment meta l-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni ghal azzjoni in personam kienet, meta nholqot il-kawza ghall-azzjoni sid il-bastiment jekk fiz-zmien meta tingieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid dak il-bastiment. Is-socjeta` Blankenese Shipping Limited (C38835) kienet sid il-bastiment kemm meta nholqot il-kawza ghall-azzjoni u hija s-sid tal-istess meta giet prezentata din l-azzjoni in rem kontra l-bastiment intimat.*

*14. Illi fit-28 ta` Gunju 2013 is-socjeta` rikorrenti talbet u ottjeniet il-hrug ta` mandat ta` arrest kontra l-bastiment intimat u prezentement jinsab mizmum that arrest mill-Awtorita` kompetenti.*

*15. Illi sussegwentement ghall-arrest tal-bastiment regghu saru diversi tentattivi sabiex jithallas il-kreditu tas-socjeta` rikorrenti izda dawn ma taw l-ebda frott u inoltre fil-frattemp kredituri ohra tal-bastiment intimat kkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom billi talbu u ottjenew il-hrug ta` mandat ta` arrest kontra l-bastiment intimat.*

*16. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghal-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-bunkers u fuel oil mibjugha mis-*

*socjeta` rikorrenti flimkien ma` interessi fuq il-prezz mhux imhallas.*

*17. Illi fil-fehma tal-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha that l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedurta Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta) peress li fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-bastiment intimat m`ghandu l-ebda eccezzjoni valida x`jressaq kontra t-talbiet rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta` rikorrenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*(i) Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta` l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedurta Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*(ii) Tiddikjara li l-bastiment konvenut huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` sitta u erbghin elf mija u sebgha Ewro u tmenin Ewro centezmu (€46,107.80) rapprezentant bilanc tal-prezz ta` bejgh u fornityuri ta` bunkers provduti lill-bastiment konvenut u interessi fuq il-bilanc mhux imhallas.*

*(iii) Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` sitta u erbghin elf mija u sebgha Ewro u tmenin Ewro centezmu (€46,107.80) oltre imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar `il fuq minn ghaxar metri bin-numru 956/13 akkordat fit-28 ta` Gunju 2013, u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament*

*effettiv kontra l-bastiment konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mir-rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat illi r-rikors guramentat u l-avviz tas-smigh tal-kawza kienu debitament notifikat lill-bastiment intimat skond il-ligi.

Rat illi harget notifika tal-imsemmija atti lill-kumpannija Blankenese Shipping Ltd (ara fol 17). Ghalkemm ir-riferta tan-notifika ta` din il-kumpannija hija negattiva (ara tergo ta` fol 18), ir-riferita negattiva ma tincidi propju xejn fuq l-iter tal-kawza billi l-kumpannija Blankenese mhijiex parti fil-kawza u kwindi n-notifika lilha saret inutilment.

Rat illi l-intimat naqas li jidher ghall-udjenza tal-lum it-Tlieta 17 ta` Settembru 2013 meta l-kawza ssejhet ghas-smigh wara d-9.00 a.m. u ghalhekk il-Qorti tista` tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tal-smigh ;

Rat l-Art 167 sa l-Art 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;

Billi it-talbiet dedotti fir-rikors gurament jirrizultaw ippruvati ghax mhux kontradetti mill-intimat ;

**Fil-kontumacja tal-intimat, taqta` u tiddeciedi l-kawza billi –**

**(1) Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` sitta u**

**erbghin elf mija u sebgha Ewro u tmenin Ewro centezmu (€46,107.80) rapprezentant bilanc tal-prezz ta` bejgh u fornituri ta` bunkers provduti lill-bastiment konvenut u interessi fuq il-bilanc mhux imhallas.**

**(2) Tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` sitta u erbghin elf mija u sebgha Ewro u tmenin Ewro centezmu (€46,107.80) bl-imghax kif mitlub sad-data tal-pagament effettiv.**

**(3) Tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar `il fuq minn ghaxar metri bin-numru 956/13 akkordat fit-28 ta` Gunju 2013.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------